**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 2, l-Artikolu 6(1) u (3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma hijiex qorti indipendenti u imparzjali fis-sens tad-dritt tal-Unjoni qorti li teżamina kawża kriminali jekk, fl-istess ħin, din il-qorti tkun ukoll konvenuta fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni mressqa mill-persuna akkużata fil-kawża kriminali, liema azzjoni tkun ibbażata fuq allegazzjonijiet ta' ksur imwettaq fil-kuntest tal-attività ta' din il-qorti jew ta' qorti li tagħha hija s-suċċessura, fil-kuntest tal-eżami ta' din l-istess kawża jew ta' kawża kriminali oħra, jew li r-responsabbiltà patrimonjali tagħha tkun stabbilita jekk tintlaqa' l-azzjoni għad-danni?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali qorti ma tistax tmexxi l-eżami tal-kawża kriminali u ma tistax tieħu deċiżjoni fuq il-mertu, u liema huma l-konsegwenzi għall-atti proċedurali u l-atti fil-mertu meħuda minn din il-qorti fil-każ li tiddeċiedi li ma tirrikużax ruħha mill-kawża?

3) L-Artikolu 2, l-Artikolu 6(1) u (3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandhom jiġu interpretat fis-sens li jkun hemm preġudizzju għall-indipendenza ta' qorti, li tkun tneħħiet permezz ta' emenda adottata fiż- Zakon za sadebnata vlast (il-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju) (DV Nru 32, tas-26 ta' April 2022, li l-implimentazzjoni tagħha ġie pospost għas-27 ta' Lulju 2022) iżda li l-imħallfin sedenti fiha għandhom ikomplu jeżaminaw sa dik id-data l-kawżi li jkunu ġew assenjati lilhom, kif ukoll, wara din id-data, il-kawżi ta' din l-istess istituzzjoni, li fihom ikunu żammew seduti preliminari, sa fejn il-qorti tneħħiet għaliex dan jippermetti li jiġu ggarantiti l-prinċipju kostituzzjonali ta' indipendenza tal-poter ġudizzjarju u l-protezzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali taċ-ċittadini, mingħajr ma ġew debitament esposti argumenti dwar il-fatti li jwasslu għall-konklużjoni li kien hemm ksur ta' dawn il-prinċipji?

4) Dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dawk previsti fil-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju, li jwasslu għat-tneħħija kompleta bħala awtorità awtonoma tal-poter ġudizzjarju Bulgaru (tal-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata)), għar-raġunijiet indikati, u għall-assenjazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin (inklużi dawk tal-kulleġġ ġudikanti li qiegħed jeżamina din il-kawża) ta' din il-qorti lejn diversi qrati, li wħud minnhom jinsabu ferm il-bogħod mill-post fejn attwalment ipoġġu dawn l-imħallfin, madwar il-pajjiż kollu, mingħajr identifikazzjoni minn qabel ta' dan il-post, mingħajr il-kunsens tal-imħallfin u b'restrizzjonijiet dwar in-numru massimu minn fosthom li jistgħu jinħatru f'awtorità tal-poter ġudizzjarju, li ma humiex fil-liġi ħlief fir-rigward ta' dawn il-membri tal-ġudikatura?

5) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, u fid-dawl tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, liema għandhom ikunu l-atti proċedurali tal-membri tal-ġudikatura tal-qrati li tneħħew? Liema huma l-konsegwenzi għad-deċiżjonijiet fil-mertu mogħtija fil-kawżi pendenti quddiem il-qorti li tneħħiet li l-eżami tagħhom għandu jitwaqqaf u għall-atti li jagħlqu dawn il-kawżi?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fl-10 ta' Ġunju 2022 – Google Ireland Limited, Tik Tok Technology Limited, Meta Platforms Ireland Limited vs Kommunikationsbehörde Austria (Komm Austria)**

**(Kawża C-376/22)**

(2022/C 359/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Google Ireland Limited, Tik Tok Technology Limited, Meta Platforms Ireland Limited.

*Konvenut:* Kommunikationsbehörde Austria (Komm Austria).

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 3(4)(a)(ii) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "miżuri meħuda kontra servizz partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni" jista' jinkludi miżuri leġiżlattivi li jikkonċernaw kategorija ta' servizzi partikolari tas-soċjetà tal-informazzjoni deskritta b'termini ġenerali (bħalma huma l-"pjattaformi ta' komunikazzjoni"), jew l-eżistenza ta' tali miżuri timplika t-teħid ta' deċiżjoni każ b'każ (pereżempju fir-rigward ta' pjattaforma ta' komunikazzjoni identifikata b'isimha)?

2. L-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2000/31 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' urġenza, il-fatt li tali miżuri ma jiġux innotifikati (*a posteriori*) "fl-iqsar żmien possibbli" lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun stabbilit il-fornitur tas-servizz, kif tipprevedi din id-dispożizzjoni, jimplika, mal-iskadenza ta' terminu suffiċjenti sabiex titwettaq din in-notifika (*a posteriori*), in-nuqqas ta' applikabbiltà ta' dawn il-miżuri għal servizz partikolari?

3. L-Artikolu 28a(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) ([2]), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu ([3]), jipprekludi l-applikazzjoni ta' miżuri, fis-sens tal-Artikolu 3 (4) tad-Direttiva 2000/31, li la jikkonċernaw il-programmi u lanqas il-videos maħluqa mill-utenti pprovduti fuq pjattaforma għall-kondiviżjoni ta' videos?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399.
([2]) ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15.
([3]) ĠU 2018, L 303, p. 69.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fl-10 ta' Ġunju 2022 – LR vs Ministero dell'Istruzione, Ufficio scolastico regionale Lombardia, Ufficio scolastico regionale Friuli Venezia Giulia**

**(Kawża C-377/22)**

(2022/C 359/34)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* LR.

*Konvenuti:* Ministero dell'Istruzione, Ufficio scolastico regionale Lombardia, Ufficio scolastico regionale Friuli Venezia Giulia.

**Domanda preliminari**

Mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni tas-servizzi akkumulati mir-rikorrent fir-Renju Unit taħt id-dritt Komunitarju, minkejja l-irtirar ta' dan tal-aħħar mill-parteċipazzjoni tiegħu fl-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 45(1) u (2) TFUE u l-Artikolu 3 (1)(b) tar-Regolament Ewropew Nru 492/2011 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 1(6) tad-decreto legge n. 126/2019 (id-Digriet Liġi Nru 126/2019), ikkonvertit b'emendi bil-legge n. 159/2019 (il-Liġi Nru 159/2019), li jgħid li, għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni straordinarja għar-reklutaġġ għal żmien indeterminat ta' għalliema fl-iskola sekondarja Taljana, is-servizz determinat biss ipprovdut minn kandidati fl-iskejjel